- *Sentenza in kontumaċja*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 29 ta' Settembru 2022

## Rikors Nru.  162/2022 GM

## CaterEssence Limited (C-49407)

## vs

## Cavendish Hotels Ltd. (C 8372)

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' CaterEssence Limited (C-49407) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Bejn Jannar u Marzu 2020 is-soċjeta` attriċi forniet lis-soċjeta` konvenuta b'diversi konsenji ta' ikel u *catering goods* oħra f'The Buġibba Hotel, u f' *hotels* oħra ġestiti mis-soċjeta` konvenuta, senjatament Santa Maria Hotel, San Anton Hotel u St. George's Park Hotel.

2. Għal dak hekk konsenjat mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta, l-istess soċjeta` konvenuta għandha tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' mija ħamsa u disgħin elf tlieta u tmenin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€195,083.54). L-ammont hekk dovut jirriżulta konfermat mill-anness statement (Dok. 'A') u mill-annessi invoices (Dok. 'B' sa Dok.'M').

3. Minkejja diversi talbiet għall-ħlas, inkluża talba permezz ta' ittra uffiċjali datata 20 ta' Lulju 2021, is-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx.

4. Għalhekk is-soċjeta` attriċi kienet kostretta tipproċedi fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta sabiex tottjeni l-ħlas ta' dak kollu lilha dovut.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-soċjeta` attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta` konvenuta fl-ammont ta' mija ħamsa u disgħin elf tlieta u tmenin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€195,083.54) rappreżentanti l-valur ossia prezz ta' ikel u *catering goods* oħra forniti lilha mill-istess soċjeta` attriċi fil-perjodu bejn Jannar u Marzu 2020.

2. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi l-imsemmija somma ta' mija ħamsa u disgħin elf tlieta u tmenin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€1.95,083.54).

Bl-ispejjeż, inklużi tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax legali mid-dati tar-rispettivi invoices sal-effettiv pagament.

Rat illi għalkemm debitament notifikata s-soċjeta` konvenuta baqgħet ma ppreżentax risposta maħlufa fit-terminu mogħti mil-liġi u għalhekk il-Qorti ddikjaratha kontumaċi bi provvediment waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju 2022.

Semgħet ix-xhieda ta' Alex Tranter u ta' Ramon Ceci, financial controller tas-soċjeta` attriċi, li kkonfermaw u spjegaw il-kreditu minnha pretiż.

Rat id-dokumenti esibiti, inkluża kopja tar-Rikors promotur tal-kawża fl-ismijiet Cavendish Hotels Limited v X (Qorti Ċivili – Sezzjoni tal-Kummerċ) Rik. Nru. 3/2022 ISB imnejn jirriżulta fil-lista ta' kredituri, is-soċjeta` konvenuta qed tammetti li s-soċjeta` attriċi hija kreditriċi tagħha fis-somma ta' €195,083.54.

Rat illi minkejja li tat il-fakolta` skont il-liġi proċedurali lill-konvenuta sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet baqgħat ma ppreżentat xejn.

U billi l-pretenzjoni tal-attriċi tinstab ippruvata sal-grad li trid il-liġi.

***Decide:***

1. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara li s-soċjeta` attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta` konvenuta fl-ammont ta' mija ħamsa u disgħin elf tlieta u tmenin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€195,083.54) rappreżentanti l-valur ossia prezz ta' ikel u *catering goods* oħra forniti lilha mill-istess soċjeta` attriċi fil-perjodu bejn Jannar u Marzu 2020.

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi l-imsemmija somma ta' mija ħamsa u disgħin elf tlieta u tmenin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€195,083.54).

Bl-ispejjeż, inklużi tal-mandat ta’ sekwestru ppreżentat kontestwalment mar-rikors maħluf u bl-imgħax legali mid-dati tar-rispettivi invoices sal-effettiv pagament.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA